# MINUTI

**Laqgħa b'urġenza Nru 65/2023-8**

**It-Tnejn, 6 ta' Frar 2023**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fil-5.15 ta' wara filgħaxija.

**PREŻENTI :**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina
Is-Sur Baskal Saliba

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

65.1 Riżenja tal-Council Assistant

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini.

Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex issir minuta silenzju għal Silvio Parnis f'għeluq ix-xahar tal-mewt tiegħu.

Is-Sindku nfurmat lil membri li s-Sinjura Sandra Grech hija assenti b'apoloġija.

Is-Sindku nfurmat lill-membri li din il-laqgħa ġiet imsejħa mill-Kunsillier Nicky Saliba permezz ta' mozzjoni nru 1/2023 u ssekondata mill-Kunsillier Baskal Saliba. (Dok A)

Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li ressaq din il-mozzjoni sabiex jingħata l-permess sabiex is-Sur S Azzopardi jitħalla jitlaq mill-kariga tiegħu mingħajr ma jagħti n-notice u jibda fix-xogħol il-ġdid tiegħu. Żied jgħid li għada, 7 ta' Frar 2023 jiġi l-uffiċċju jagħti ċ-ċwievet sabiex fit-8 ta' Frar 2023 jkun jista' jibda fix-xogħol il-ġdid tiegħu. Qal li jħoss li jkun ta' ġid għal kulħadd li jitħalla jitlaq bil-kwiet. Il-Kunsillier Baskal Saliba qabel mal-proposta tal-Kunsillier Nicky Saliba u żied jgħid li meta jsiru kuntratti ma' ħaddiema tal-Kunsill dawn jinkitbu skond il-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li l-kuntratt li ġie ffirmat mas-Sur Azzopardi huwa dak mibgħut mid-Dipartiment għal Gvern Lokali u huwa *standard* għal kulħadd. Is-Sindku Dr Marlene Cini qalet li tkompli mal-Kunsillier Nicky Saliba u taqbel miegħu wkoll. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li hu ukoll jaqbel mal-Kunsilliera sakemm ma tkunx qed tinkiser il-liġi u awguralu għax-xogħol il-ġdid tiegħu. Il-membri qablu li l-aħħar ġurnata tax-xogħol tas-Sur Azzopardi fi ħdan il-Kunsill għandha tkun is-7 ta' Frar 2023

Il-laqgħa ntemmet fil-5.30 ta' filgħaxija.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

Dok A.

Mozzjoni No 1/2023.

Illum nhar 31/01/2023 qed nitlob biex tissejjaħ laqa' b urġenza nhar it-Tnejn 6 ta' Frar fil-5.15pm il-Kunsill lokali ta Żebbuġ Għawdex dwar ir-riżenja ta Stephen Azzopardi.

Nicky Saliba *(Kunsillier)*

______________________

Sekondata min Baskal Saliba *(Kunsillier)*

______________________

Recieved.
31/01/2023

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali
Iż-Żebbuġ Għawdex